**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 36** **19 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Lulju 2022, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Maria Magri - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**36.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 35**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 35, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina ssekondat.

Il-Minuti 36 ġew approvati b'mod unanimu.

**36.2** **Mozzjoni mis-Sindku John Schembri**

*Nipproponi li l-post vakanti ta' kunsillier, fil-Kunsill Lokali Ħal Luqa, jimtela mis-Sur Andrew Cassar, f'isem il-Partit Nazzjonalista*.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ssekonda. Ivvutaw favur l-ħames (5) kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Is-Sindku stieden lis-Sur Andrew Cassar jidħol fis-Sala tal-Kunsill fejn ingħata l-ġurament tal-ħatra mill-Kummissarju tal-Ġustizzja.

**Is-Sindku John Schembri,** stieden lill-kunsillier Andrew Cassar jingħaqad mal-membri sabiex titkompla l-laqgħa. Is-Sindku qal li bħal kull membru fuq din il-mejda, Andrew Cassar għandu jħossu onorat li se jkun qed iservi lill-Ħalluqin u fil-ġranet li ġejjin se jkun qed jiltaqa' miegħu sabiex jiddiskuti r-responsabbiltajiet li se jiġu assenjati lilu.

**36.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.3.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-attivita' tal-wirja tal-karozzi ġiet posposta għal Settembru.

36.3.2 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-attivita' ta' Ġieħ Ħal Luqa se tinżamm il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022.

36.3.3 **Is-Sindku John Schembri** ppropona li Ġieħ Ħal Luqa jingħata lil Fr Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill approva b'mod unanimu din in-nomina.

36.3.4 **Is-Sindku John Schembri** ħeġġeġ lill-membri sabiex jinnominaw persuna sabiex jingħataw rikonoxximent. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li bħala Tokens għar-rikonoxximenti jsiru tal-landa, bħalma saru ta' Ħal Qormi.

36.3.5 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li s-Serata tibda għal ħabta tat-8.00p.m. u wara se jkun hemm kunċert. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Eric Camilleri jinfurma lill-membri dwar l-attivita' li se tinżamm il-Ġimgħa 9 ta' Settembru. Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li qed jiġi ppjanat kunċert bis-sehem ta' kantanti maltin. Inġabru l-istimi u ġie deċiż li l-band magħżulha se tkun The Palace String Orchestra li se jkunu qed jipprovdu 4 kantanti Maltin; Amber, Aidan, Janvil u Denise.

Is-Sindku John Schembri qal li l-għaqdiet lokali għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw f'din l-attivita'. Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li se tkun qed issir laqgħa mal-għaqdiet nhar it-Tlieta 2 t'Awwissu fil-5p.m.

Is-Sindku John Schembri nfurma li se tinżamm Ġita għal Sqallija. Bħalissa qed jinġabru l-istimi sabiex jinħareġ il-prezz finali.

**36.4 Xogħlijiet fil-lokalita'**

36.4.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li bħalissa qed isir xogħol fuq il-main ċentrali tad-drenaġġ fi Triq il-Mitjar. Dan ix-xogħol qed isir minn Infrastruttura Malta.

36.4.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li nbeda x-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq l-Arluġġar għal Wied Ħal Salfieni, liema xogħol ma tkomplix, minbarra li l-kuntrattur għamel ħsarat fil-ħitan tas-sejjiegħ.

**36.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ppproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**36.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Awwissu fil-5,30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |